MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Numru 1883/2005

**APS Bank Limited**

**vs**

**Mark Vella**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' erbgha mija u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm420.34) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ma' kontijiet li ghandu l-konvenut mas-socjeta attrici, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez indikati.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fit-13 ta' Marzu 2006 li permezz taghha s-socjeta attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltija u erbgha u tleltin centezmu (Lm360.34).

Ra n-nota ta' riduzzjoni ulterjuri prezentat f'l-24 ta' April 2006 li permezz taghha s-socjeta attrici regghet irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tlett mitt lira Maltija u erbgha u tleltin centezmu (Lm300.34).

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikat b'l-avviz fit-28 ta' Frar 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta' tlett mitt lira Maltija u erbgha u tleltin centezmu (Lm300.34) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------